**Id-djalogi ta' Dun Anton Xiberras**




Manoel Pirotta
manoel.pirotta@um.edu.mt

Astratt: Għal min ma kellux ix-xorti li jattendi għat-tieni serata mużiko-letterarja tat-22 ta' Mejju, li fiha trattajna sitt djalogi oħra mill-pinna ta' Dun Anton Xiberras, hawnhekk qed inġib siltiet minn dit-taħdita għall-benefiċċju tal-qarrejja ta' dal-artiklu. L-ewwel taħdita kienet saret il-Ġimgħa, 22 ta' Frar, fl-anness tal-knisja parrokkjali, fejn ippreżentajt l-ewwel sitt djalogi, uħud minnhom f'forma poetika, b'rabta mal-Milied. Iż-żewġ taħditiet kienu organizzati mill-Għaqda Wirt Kulturali Naxxari. Fit-tieni taħdita li ttellgħet fis-sala 8 ta' Settembru tal-Għaqda Mużikali 'Marija Bambina', Banda Vittorja, ippreżentajt aktar djalogi ħelwin u umoristiċi minn tal-qassis-poeta Naxxari bil-għajnuna tal-atturi Joe Borg, Leo Bartolo, Tonio Vella, u Rachel Paris, u bis-sehem ukoll ta' studenti-mużiċisti, membri tal-University of Malta 'Ġ.F. Abela' Junior College Orchestra, li daqqew siltiet ferm adattati fuq il-kitarra, il-klarinett, u l-pjanu. Għall-futur qarib hemm il-ħsieb li tittella' t-tielet serata b'aktar djalogi tiegħu, fosthom 'Id-Dar Knisja Żgħira', bejn żewġ għarajjes, miġjub għall-Malti mill-ktieb 'Famiglia, Piccola Chiesa' ta' Carretto, li jiena sibt fil-bullettin parrokkjali Ġiljaniż, 'Xaqq Dawl' tal-1949, u 'Wara d-Dnub ... l-Indiema', djalogu mistħajjel pjuttost twil bejn Ġiljan u martu Margerita, tal-1997. Dun Anton għandu wkoll monologu, 'Kelmtejn lil Ġaħan', li skont id-'Djarju tal-Gwerra', kien ixxandar fuq ir-Rediffusion fil-programm 'Nofs Siegħa għat-Tfal Maltin' fit-22 ta' Frar tal-1944.

Kliem muftieħ: Naxxar, Djalogu, Dun Anton Xiberras, Kan. Giovanni Pietro Francesco Agius Sultana (de Soldanis), Annibale Preca, Richard Taylor, University of Malta 'Ġ.F. Abela' Junior College, Għaqda Każini tal-Banda, Għaqda Mużikali 'Marija Bambina' Banda Vittorja (Naxxar), Għaqda Kulturali Wirt Naxxari


Dun Anton Xiberras (1922-2006) (Ħajr Charles Attard)

Kull tip ta' taħdit bejn tnejn, imlissen jew miktub, jitqies bħala djalogu, u nsibuh imħaddem fi drammi, rumanzi jew novelli; ġieli wkoll f'forma ta' poeżija. L-ewwel djalogi ta' valur li nsibu fil-letteratura Maltija nkitbu mil-lingwista u storiku Għawdxi, il-Kanonku Giovanni Pietro Francesco Agius Sultana (1712-70), magħruf aħjar bħala de Soldanis. Skont Oliver Friġġieri, id-djalogi tiegħu: 'Huma l-eqdem xogħol importanti ta' dix-xeħta ... kitba li tixħet dawl fuq il-ħajja Maltija ta' dik il-ħabta u li toffri eżempji tal-Malti mitħaddet u miktub fis-Seklu Tmintax'.[1] Djalogi ta' Dun Anton huma dsatax s'issa li nafu żgur bihom, bil-biċċa l-kbira tagħhom jinsabu merfugħin fl-Arkivju Parrokkjali tan-Naxxar, fejn ħafna minnhom jidhru fid-'Djarju tan-Naxxar', oħrajn miġburin għalihom weħidhom fi ktejjeb, u oħrajn imxerrdin 'l hawn u 'l hinn f'xi rivista bħalma hu l-bullettin parrokkjali 'Xaqq Dawl' maħruġ mill-A.K. ta' San Ġiljan fis-snin ta' wara l-Gwerra. Hawn taħt hi tabella sħiħa bl-ismijiet kollha tagħhom, id-dati li fihom inkitbu, u bejn min qiegħda ssir it-taħdita:

[1] 'Dizzjunarju Ta' Termini Letterarji'.

| | Nru[2] | Sena | Xahar | Ġurnata | Isem | Taħdita bejn |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | |
| 01 | 01 | 1942 | 01 | 02 | L-Istrina | Ġorġ u Neriku |
| 02 | 02 | | | | Erfa' u Sorr[3] | Ġuża u Manann |
| 03 | 03 | 1957 | | | Kif Jista' Jkun?[4] | Karmni u Manann |
| 04 | 04 | 1954 | | | Operarii Autem Pauci[5] | Dun Nat u Dun Lipp |
| 05 | | 1947 | | | Taħdita[6] | Bebbuxu u Għadira Xotta |
| 06 | | 1947 | | | Biex Tagħmel Żarbun[7] | Skarpan u Pietru |
| 07 | 05 | 1956 | | | Flus għall-Missjoni[8] | Dun Anġ u Dun Piet |
| 08 | 06 | 1950[9] | | | Qamħ għall-Presepju | Ġanni u Pietru |
| 09 | | 1949 | | | Id-Dar Knisja Żgħira'[10] | Żewġ għarajjes |
| 10 | 07 | 1949 | | | Milied Mingħajr Alla[11] | Ġakbu u Pietru |
| 11 | | 1950[12] | | | Waslet l-Elezzjoni | Surġent u Vitor |
| 12 | 08 | 1950[13] | 12 | 04 | San Ġużepp Ifittex u Jsaqsi[14] | S. Ġużepp u Betlemita |
| 13 | 09 | 1950[15] | 12 | 04 | Bejn Żewġ Ragħajja[16] | Madan u Karan[17] |
| 14 | 10 | 1951[18] | | | Ix-Xirja tal-Milied | S. Karm u S. Mer |
| 15 | 11 | 1947[19] | | | Tal-Ħaxix Hawn![20] | Bejjiegħ u Marì |
| 16 | 12 | 1953[21] | | | Għand tal-Pasturi | L-Imgħallem Salv u klijent |
| 17 | 13 | 1952[22] | | | Reklam tal-Kitty Kola | Kitty u Kola |
| 18 | | 1997 | | | Wara d-Dnub ... l-Indiema | Ġiljan u Margerita |
| 19 | | | | | Tlitt Aħwa Xħaħ[23] | Ċikku, Wiġi u Toni |

[2] Dawn in-numri juru s-sekwenza ta' kif insibuhom fil-fuljett ta' b'24 paġna, 'Xogħolijiet (sic) Letterarji ta' Dun Anton Xiberras', l-ewwel ktieb, bl-isem ta' 'Djalogi', li l-awtur stess kien beda jikkompila.
[3] Minn Fuljett ta' Propaganda għall-Ġurnata Missjunarja tal-1957. Stampati 40,000 kopja.
[4] Minn Fuljett ta' Propaganda għall-Ġurnata Missjunarja tal-1954.
[5] Operarii - ?
[6] 'Djarju tan-Naxxar'. Diċembru 1947, Għadd 7, p. 155.
[7] 'Djarju tan-Naxxar', Diċembru 1947, Għadd 7, p. 217.
[8] Operarii – No. 3-1956.
[9] Dad-djalogu jidher kemm fid-'Djarju tan-Naxxar', Diċ. 1949 – Mar. 1950, Għaddijiet 15-16, IV Sena, p. 114, kif ukoll fil-fuljett 'Djalogi' bħala s-sitt wieħed, pp. 9-10.
[10] Dad-djalogu qasir hu miġjub għall-Malti minn Dun Anton stess, u meħud mill-ktieb 'Famiglia, Piccola Chiesa' ta' Carretto. Id-djalogu sibtu fil-bullettin parrokkjali Ġiljaniż, 'Xaqq Dawl' tal-1949.
[11] Dil-poeżija djalogata nsibuha kemm fid-'Djarju tan-Naxxar', Diċ. 1949 – Mar. 1950, Għaddijiet 15-16, IV Sena, p. 120, kif ukoll is-seba' wieħed fil-fuljett 'Djalogi', pp. 11-12.
[12] 'Djarju tan-Naxxar', Ġunju 1950, Għadd 17, p. 81.
[13] Dil-poeżija djalogata tidher kemm fid-'Djarju tan-Naxxar', Diċembru 1950, Għadd 19, V Sena, pp. 171-2, kif ukoll it-tmien wieħed fil-fuljett 'Djalogi', pp. 12-14. Id-data ta' meta nkiteb dad-djalogu ksibnieha proprju minn dal-fuljett.
[14] Dat-titlu nsibuh mniżżel biss fil-ktejjeb 'Djalogi' u mhux fid-'Djarju tan-Naxxar'.
[15] Dad-djalogu f'forma ta' poeżija nsibuh kemm fid-'Djarju tan-Naxxar', Diċembru 1950, Għadd 19, V Sena, pp. 171-2, kif ukoll id-disa' wieħed fil-fuljett 'Djalogi', pp. 14-17. Mill-fuljett insiru nafu li dad-djalogu nkiteb fl-istess ġurnata ma' 'San Ġużepp Ifittex u Jsaqsi'. Fid-'Djarju tan-Naxxar' daż-żewġ poeżiji djalogati wkoll jidhru mniżżlin wara xulxin.
[16] Inkiteb meta l-awtur kien ġa mar joqgħod flimkien ma' familtu San Ġiljan.
[17] Fid-'Djarju tan-Naxxar' insibuh imniżżel bħala 'Karam'.
[18] 'Djarju tan-Naxxar', Diċembru 1951, Għadd 19, V Sena, p. 186.
[19] Dad-djalogu kien deher fid-'Djarju tan-Naxxar', Ġunju 1947, Għadd 5, ? Sena, p. 62, iżda fil-fuljett 'Djalogi' jidher bħala l-11-il wieħed, pp. 19-21.
[20] Fid-'Djarju tan-Naxxar' jismu 'Xiri fit-Triq'.
[21] 'Djarju tan-Naxxar', Diċembru 1953, Għadd 31, p. 116.
[22] Did-data ta' kif deher fid-'Djarju tan-Naxxar', Marzu 1952, Għadd 24, ? Sena, p. 8. Fil-fuljett 'Djalogi' jidher bħala t-13-il wieħed, pp. 23-4.
[23] Fil-fatt dan hu trijalogu, jew taħdita bejn tlieta minn nies.

Ironikament, forsi l-itwal djalogu li qatt seta' kiteb Dun Anton, u li mhux qed fil-lista t'hawn fuq, iġib l-isem ta' 'Bejn Żewġ Nisa (Ġrat ir-Raħal)'[24]. Aqrawh u taraw jekk hux minnu li qed ngħid:

Kienu l-kwattrutempi ta' Settembru li għadda, meta żewġ nisa waqfu jitħaddtu fil-pjazza tan-Naxxar, xħin kienu ħarġu mill-Quddiesa tas-7:00 a.m.:

Mara 1: Mgħaġġla, għax illum sawm, u t-tfal jidħlu kmieni biex jieklu.

Mara 2: Iva, mela, anke jien. U llum ma ssib x'tiekol xejn (tenniet l-oħra).

Bin-naqra n-naqra beda l-kliem. F'daqqa waħda nħasdu t-tnejn: 'BOMM'.

Mara 1: Ommi, ruħi, it-tmienja, bonġu! ... (u telqet).

Imma fetlilha tħares lejn il-kampnar tal-knisja biex tara aħjar l-arloġġ. KIENU NOFSINHAR ...



Il-Kanonku G.P.F. Agius de Soldanis (1717-70)

L-għaxar djalogi ta' de Soldanis jinsabu miġburin fit-tieni edizzjoni mhux stampata tal-grammatika Maltija tal-1755. Uħud minnhom kienu diġà dehru fi ktieb ieħor stampat f'Ruma ħames snin qabel, fosthom 'Bejn Kaċċatur u Bidwi', fejn tal-ewwel hu Naxxari, u jingħaraf mid-djalett tiegħu. Id-djalogu jitratta l-kaċċa għall-fenek bħala passatemp u biex il-bidwi jipproteġi l-uċuħ tar-raba'; fl-istess ħin jaqla' x'jiekol mill-bejgħ tagħhom. Skont in-Naxxari, kienu jinqatlu mal-elf wieħed kuljum, iżda minn kliemu stess jidher ċar li nisel il-fenek gerriem kien'il bogħod milli jinqered minn fuq wiċċ artna. Dad-djalogu, Dun Anton kien ġabu fid-'Djajru tan-Naxxar'[25], li min-naħa tiegħu kien siltu minn "Il-Malti" ta' Settembru tal-istess sena; ifisser li kien midħla tad-djalogi ta' de Soldanis.

Djalogi għandna wkoll t'Annibale Preca, filoloġist u awtur Lijan, li bis-saħħa ta' kitbietu rnexxielu jxerred il-Malti fi żmien meta lsienna kien mogħti l-ġenb. Preca kien midħla ta' lingwi oħra barranin, fosthom ilsna tal-Lvant u dawk Romanzi. Bit-Taljan kiteb studju lingwistiku dwar l-ilsien Malti, ippubblikat wara mewtu, u kotba oħra bil-Malti, fosthom l-istorja Sagra f'erba' volumi, u ġabra ta' ħrejjef u ċajt, flimkien ma' Ġ.A. Vassallo. Preca kiteb ukoll ġabra ta' djalogi fi ktieb jismu 'Taħdita bejn Tnejn', u oħrajn forsi mhux ippubblikati, bħad-djalogu bejn tabib imnieħru mxammar u Malti, u li fih joħroġ ħafna l-ispirtu ċajtier tal-awtur, bħalma jiġri wkoll f'uħud mid-djalogi ta' Dun Anton. Fit-tieni ktieb ta' 'Ward ta' Qari Malti' nsibu djalogu ieħor ta' Preca: 'Mill-Qotna sal-Maktur'.



Annibale Preca (1832-1901)




Il-ġurnalist Bormliż Rikkard Taylor (1818-1868) ukoll kien ħareġ ktieb jismu 'Taħriġ tat-Taħdit, bit-Taljan, Ingliż u Malti, b'Taħditiet Ħfief u Familjari, għall-Iskejjel' fl-1844, fejn fit-tieni parti tiegħu nsibu mhux anqas minn 28 djalogu li jittrattaw suġġetti varji, li servew tat-tagħlim edukattiv għall-istudenti Maltin tal-ewwel nofs tas-seklu 19. Għadu żagħżugħ, Taylor daħal is-Seminarju għal qassis imma ħassar, siefer għal xi żmien, u reġa' ġie Malta. Meta mietu l-ġenituri tiegħu telaq l-Eġittu biex daħal pittur f'teatru, u mbagħad reġa' ġie lura f'Malta u fetaħ negozju tat-tabakk, tilef il-flus, u spiċċa jiskonta sentenza l-ħabs minħabba xi dejn. Kien biss meta ħareġ li żżewweġ. Bħala ġurnalist ħareġ iż-żewġ folji politiċi, *Ġaħan* (1864) u *Is-Serduk* (1867). Taylor kien ukoll awtur ta' għadd ta' kotba ta' xeħta reliġjuża.

[24] Novembru – Diċembru 1949, Għaddijiet 7 u 8, p. 9.
[25] Diċembru 1947, p 232.

**Taħdita bejn Bebbuxu u Għadira Xotta**[26]: Il-bebbux spiss kien jissemma fid-'Djarju tal-Gwerra' ta' Dun Anton seminarist. Ngħidu aħna, fid-19 t'Awwissu, 1942, niżżel li filogħdu kmieni kien mar ġirja ma' ħuh sa Wied il-Għasel u qabdu skoss bebbux li kien qed jirgħa. Fis-17 t'Ottubru tal-istess sena wkoll kien mar ma' xi ħadd ieħor għall-bebbux, u li bilkemm laħqu daħlu lura bihom id-dar li ma għamlitx ħalba xita sewwa. U l-istess għamel ħamest ijiem wara, anki jekk matul dak il-jum sar ħafna ħbit mill-ajru; sa sitt xebbiet mietu mirdumin fil-Ħamrun.



Aħna nafu li la s-sur injurant bebbuxu, u wisq inqas l-għarfa sinjorina għadira, ma jistgħu jitkellmu bħall-bnedmin. Madankollu, Dun Anton jirnexxilu joħloq xorta waħda dad-djalogu mistħajjel bejniethom; dik li aħna nsejħulha personifikazzjoni ta' żewġ oġġetti inanimati, fejn l-għadira hi jerġa' bla qatra ilma. Kemm il-bebbuxu, kif ukoll l-għadira xotta, ifakkruna wisq fil-miżerja kbira li ġarrab il-poplu Malti fl-aħħar Gwerra, u kien proprju dan li ispira lil Dun Anton biex jikteb dad-djalogu. Iżda hawnhekk, l-awtur qed imur ħafna aktar 'il bogħod mis-sempliċi djalogu umoristiku ta' bejniethom meta, ngħidu aħna, iqabbel, dejjem bejn il-parentesi, il-ħtif innoċenti tal-bebbux, bħala għalf tan-nies miġwieħa, mal-qtil innoċenti tal-Maltin mill-għefiered tal-ajru, li sikwit kienu jiġu jiżirgħu l-bombi qerrieda.

Minbarra l-bombi, dad-djalogu b'tagħlima miegħu hu wkoll miżgħud b'għadd ta' kliem Malti magħżul, u li llum il-ġurnata ħafna minnu ntilef, bħal ngħidu aħna: 'tfieri', 'taħbeż', 'flien', 'għefiered', 'jinħafen', 'dikment', 'sobtu', 'bans', u l-espressjoni 'Ġieżu ġież', li dari kienet tingħad bħala tnehida b'sorpriża. U mbagħad xi ngħidu għal ċerti frażijiet idjomatiċi bħal: 'dawk jgħallmuk taħbeż', fejn hawn qed jirreferi għax-xjaten, li l-ewwel jgħallmuk taħmi l-ħażen, biex imbagħad iniżżluk fl-infern magħhom; 'skirna fin-niexef', frażi ossimora flok 'żlaqna fin-niexef', meta nafu li s-sinjorina għadira ma kellhiex fiex tiżloq għax xotta; 'balal mibżuqa mill-kanuni', fejn juża kelma aktar semitika flok 'sparati'; 'lanqas li ġej minn wara l-Alpi' flok 'minn wara l-muntanji'; 'kont għamiltni lest', jiġifieri l-bebbuxu għamilha fatta li se jiġrilu xi ħaġa, li se jmut; 'għefiered tal-ajru', għall-ajruplani tal-għadu; 'jinħafen minn id moħbija', flok 'insteraq' minn xi ħadd li ma jridx juri idu, peress li l-kelma 'taħfen' tfisser ukoll 'tiġbor b'kemm jiswa ponn'; 'jibku xortihom ħażina', flok 'żvinturati', għax ix-xorti, jew destin, tista' tkunlek tajba jew ħażina. Naturalment, il-'beraq' u r-'ragħad' li jsemmi l-bebbuxu illiterat, mhumiex għajr il-balal tan-nar li joħorġu sparati minn ħalq il-kanuni, u l-'kolonni tad-dawl' li hu jaħseb li huma torċi mixgħulin, ġejjin biex jaqbduh fis-satra tal-lejl, huma biss searchlights.



**Biex Tagħmel Żarbun**[27]: Fi kliem Guido Lanfranco: 'Sas-snin erbgħin ma konniex nixtru żraben lesti, imma konna mmorru għand l-iskarpan biex jagħmlilna par tal-qies. Kien juża l-inchtape jew biċċa karta maqtugħa bħal żigarella biex ikejjel il-ħotba tas-sieq u d-dawra tal-għaksa. Fuq biċċa karta kien iħażżeż id-dawra tas-sieq minħabba l-pett. Kien ikejjel kemm is-sieq tax-xellug kif ukoll tal-lemin għax dawn ivarjaw'. F'dad-djalgu niltaqgħu ma' Pietru li jmur għand l-iskarpan biex ifassal żarbun għalih u li jixtieq=u ftit kbir ħalli 'l quddiem iservih għal uliedu wkoll, bl-orħos prezz possibli. Wara li l-iskarpan jeħodlu l-qies ta' siequ l-leminija, il-klijent jitolbu biex kemm jista' jkun ilesthulu malajr. L-iskarpan jaħseb li qed jgħidlu hekk għax iridu lest sal-festa tal-Vitorja, imma fil-fatt l-istorja ma tispiċċax hekk.

[26] 'Djarju tan-Naxxar', Diċembru 1947, Għadd 7, p. 155.
[27] 'Djarju tan-Naxxar', Diċembru 1947, Għadd 7, p. 217.

F'dad-djalogu nsibu xi kelmiet u espressjonijiet li forsi llum ma tantx għadna nużawhom: 'f'ħajjietek' = kelma oħra flok niżżikħajr, nirringrazzjak; 'tantx tagħfasni = tantx iżżomli għoli. Imbagħad hemm il-kelma 'tmintax', għal tmintax irbiegħi, b'kemm jiswew żewġ xelini u nofs, u l-famuża 'frejgata', tip ta' bastiment, li jista' jkun tal-gwerra; kelma li l-iskarpan iqabbilha ma' sieq Pietru.

**Reklam tal-Kitty Kola**[28]: Il-Kitty Kola kienet xarba Żvediża mhux alkoħolika, bit-togħma tal-koka, jew meraq taż-żinżell li tagħmel dix-xitla li tikber l-aktar fl-Armerka t'Isfel. Din kellha lewn kannella ċar u magħmula minn għadd ta' meraq tal-frott naturali, miżjuda b'xi ilma, zokkor, kafeina u ħwawar oħra, kif ukoll traċċi tad-dijossidu karboniku biex tiġi tfexfex, biex meta tferragħha ġo xi tazza, ittella' ftit ragħwa safranija fil-wiċċ. Il-Kitty Kola kienet tiġi bbottiljata fi fliexken ta' żewġ daqsijiet differenti, jew f'bottijiet tal-aluminju, u kienet favorita l-aktar maż-żgħażagħ. Fis-60ijiet bdiet tiġi bbottiljata f'Malta minn kumpanija f'Birkirkara, u mbagħad f'oħra fiż-Żejtun.




Iżda f'dad-djalogu umoristiku, Kitty hu isem femminil, t'oriġini Irlandiża, għal Catherine – bil-Malti, Katarina – forsi wkoll għax miż-Żejtun jew miż-Żurrieq, filwaqt li Kola hu isem ta' raġel, taqsira ta' Nikola, forsi għax mir-raħal tas-Siġġiewi. Mela hawnhekk għandna djalogu bejn koppja raġel u mara. U meta jsejħu 'l xulxin b'isimhom, ikunu fil-fatt qegħdin jgħajtu l-isem ta' dix-xarba friskanti tal-Kitty Kola. Għal dal-għan, l-awtur qagħad attent li l-ewwel iħalli dejjem lilu jsejħilha 'Kitty', biex min-naħa tagħha hi tkun tista' twiegħbu lura fil-pront b'ismu, 'Kola'. Infatti, matul dad-djalogu qasir, dil-ħaġa tiġri tal-anqas sitt darbiet, tant li wieħed jibda jitfixkel jekk hawn hux qed nassistu għal sempliċi riklam kummerċjali tal-Kitty Kola, jonkella għal sitwazzjoni aktarx tad-daqq, fejn il-mara, aktar kemm għandha ġid, ma taf tikkuntenta ruħha b'xejn. U kellu jkun proprju t-trakk tax-xorb bir-ritratt tal-Kitty Kola fuqu, li dak il-ħin inzerta kien għaddej minn quddiem darhom, li żamm lil dis-sitwazzjoni milli tkompli tiggrava.



**Waslet l-Elezzjoni**[29]: Dad-djalogu nkiteb ftit xhur biss qabel l-elezzjoni ġenerali tal-1950, u li fiha kienu kkontestaw sitt partiti politiċi: il-Partit Laburista u l-Partit Nazzjonalista – magħrufin b'"Tal-Ħaddiema" u b'"Tas-Sinjuri" rispettivament – il-grupp Laburista ta' Boffa, id-Democratic Action Party (DAP), il-partit Għawdxi ta' Jones, u l-ieħor ta' Mabel Strickland. Dil-elezzjoni kienet saret wara l-oħra tal-1947, fejn il-Partit Laburista kien ġab il-maġġoranza tal-voti, b'Boffa bħala Prim Ministru. Ġara iżda, li hu rriżenja wara biss sentejn li kien ilu f'dil-kariga, u għaldaqstant kellha tissejjaħ elezzjoni ġenerali oħra.

Fis-snin ta' wara l-Gwerra, il-klima soċjo-politika Maltija kienet waħda instabbli, u mhux ta' b'xejn li Vitor kien bejn ħaltejn 'il min se jaqbad jivvota f'dik l-elezzjoni ġenerali; jekk hux il-partit Boffista jew dak Mintoffjan; għax kif stqarr bla ma jaf lis-Surġent, kien ġej mill-kamp tal-Labour. Minn kliemu stess insiru nafu wkoll li f'dik is-sena l-elezzjoni ġenerali kienet ġiet wara l-festi tas-sajf peress li nhar Santa Liena, li taħbat fit-18 t'Awwssu, hu, flimkien ma' silfu Chally u Majsi, qabduha fuq il-pulitka waqt li kienu bilqiegħda fuq ċint ta' għalqa jaraw il-murtali tielgħin. U peress li ma kienx jaf skola, skrizzjoni kbira li ddendlet fuq l-iskola fejn se ssir l-votazzjoni ħasibha xi avviż għall-ommijiet biex jibgħatu 'l uliedhom għad-duttrina wara li tgħaddi l-festa tal-Vitorja. Iżda

---

[28] 'Djarju tan-Naxxar', Marzu 1952, Għadd 24, ? Sena, p. 8.
[29] 'Djarju tan-Naxxar', Ġunju 1950, Għadd 17, p. 81.

minkejja li kien illiterat, Vitor xorta waħda kien jaf bid-dritt tal-vot u 'l min għandu jivvota, anki jekk wara kollox għalih jista' jitla' min irid, basta ma jkeċċuhx minn mas-servizz.

F'dad-djalogu niltaqgħu ma' xi ftit espressjonijiet, fosthom dik li fiha nsibu l-kelma 'ħajbu'. Dil-kelma aktarx li ħadnieha mill-Ingliż – hobo (jew Hoe Boy), u adattatajnieha għall-Malti biex biha niddeskrivu 'l xi ħadd li jżomm ruħu maħmuġ u jilbes żdingat. Jingħad li fit-30ijiet tas-seklu l-ieħor kien jeżisti Bormliż jgħix b'dal-mod, u li kien jitlajja kuljum fi Triq San Pawl, il-Belt. Hemm imbagħad l-espressjoni l-oħra 'skrizzjoni daqs ħmar', fejn il-kelma 'ħmar' tfisser 'kbira' u fl-istess ħin l-awtur jinqeda biha biex jirreferiha wkoll għal Vitor. Kliem ieħor li forsi m'għadniex nużaw: Lewliemes = il-bieraħtlula; jum qabel il-bieraħ; mank = almenu, lanqas, għallanqas; Ċipp = ċella f'ħabs.



**Xiri fit-Triq**[30]: F'nofs is-70ijiet kienet ħarġet kanzunetta Maltija 'Filgħodu Kmieni' ta' Ralph Dougall flimkien ma' 'The X-Bones' u l-grupp folkoristiku 'Il-Qoton', fejn għodwa waħda, l-awtur jixref fit-tieqa tal-kamra tas-sodda tiegħu u hemm joqgħod jiddeskrivi xi jkun għaddej fit-triq; li filli tkun vojta, u filli tibda timtela bin-nies ġejja u sejra bil-qadjiet tagħha, u bil-bejjiegħa tat-triq, fosthom tal-ħaxix, jgħajtu u jqajmu lil kulħadd.

Id-djalogu hu mimli bl-ismijiet ta' wżin u bċejjeċ tal-flus li kienu jużaw dari, u oħrajn ta' prodotti tal-biedja li normalment issib tixtrihom mingħand tal-ħaxix li jiġi jdur b'xi trakk, jew jarmalek f'ġenb ta' pjazza. Il-bejjiegħ tagħna jidher li għandu minn kollox, u kollox bnin u ta' kwalità, sa patata fina impurtata mill-Olanda għandu, imma Marì, ħlief tmaqdarlu l-prodotti u tiġġebbidlu fil-flus ma tagħmilx. U biex tixtri tlitt oġġetti żgħar b'kemm jiswew skud u żewġ soldi taqlagħlu fwiedu.

Fih ukoll minjiera t'espressjonijiet idjomatiċi: 'donnu għuwied', plural ta' għuda, għax iebes daqs l-injam; 'niexef qoxqox', xott, mingħajr ilma, imma li b'istess kelma, l-awtur irid ifisser ukoll 'bla flus' – mhux ta' b'xejn li Marì l-ħin kollu tistaqsih għall-prezzijiet u tiġġebbidlu fihom; 'tiswa mitqla deheb', ngħiduha għal xi ħaġa prezzjuża, ta' kwalità superjuri. Mitqla hi kelma oħra għal tuqqala għall-użin tad-deheb; 'għarukaża', tal-mistħija. Dil-kelma hi magħmula minn 'għar' u 'każa'. Skont Albert W. Agius[31]: 'Speċjalment fiż-żmien meta l-pirati kienu jiġu u jisirqu mill-Gżejjer Maltin, ħafna familji kienu jgħammru fl-għerien u jagħmlu darhom fihom'; il-flus normalment ma nsibuhomx barra, imma trid taħdem għalihom. Mhux ta' b'xejn għalhekk li Marì tgħid lill-bejjiegħ: 'Huwa l-flus qed insibuhom barra!'; 'Ġib sitta u iġbed', jiġifieri b'sitt soldi l-prodott ikun tiegħek.



**Tlitt Aħwa Xħaħ**[32]: Hawnhekk għadna Trijalogu bejn tlitt aħwa xħaħ li jridu jirreċtaw il-parti tagħhom daqslikieku qegħdin fuq il-palk. Fil-bidu tal-iskeċċ[33] l-awtur iniżżel nota biex "l-azzjoni tinħadem f'ħafna dehriet fuq l-istess, mill-istess nies." Fih niltaqgħu mat-tlitt aħwa Ċikku, Wiġi u Toni, li jaqtgħuha li t-Tnejn filgħodu joħorġu dawra sal-Belt. Iżda lanqas jilħqu jirfsu mill-bieb 'il barra li s-

[30] 'Djarju tan-Naxxar', Ġunju 1947, Għadd 5, ? Sena, p. 62.
[31] 'Qwiel, Idjomi, Laqmijiet Maltin u Trufijiet Oħra' (BDL, 2004).
[32] Sketch żgħir għal fuq il-Palk.
[33] Kitba komika u qasira bi ftit xeni, u b'persunaġġi mill-inqas.

sitwazzjoni ma tikkumplikax ruħha sat-tali punt li wieħed minnhom jispiċċa bin-nuċċali miksur u l-isptar b'siequ miksura.



It-Tlitt Aħwa Xħaħ

F'dal-iskeċċ jidħol ukoll in-narratur biex jirrakkonta dik ix-xi ħaġa żgħira li tkun se tiġri, u l-kunduttur, li kull darba ma jħallihomx jirkbu tal-linja peress li tkun ġejja mimlija mill-Mellieħa. Dan għaliex bħal dakinhar, dari kien jidħol il-'Banċinu' minn Għawdex, imgħobbi bil-passiġġieri u tagħbija oħra, fosthom żewġ karozzi. Dal-vapurett, mibni fi Glasgow fl-1927, kien inxtara minn Gasan wara l-Gwerra biex jagħti servizz bejn iż-żewġ gżejjer. Ġara iżda, li f'Jannar tal-1957 inkalja fuq il-blat wara maltempata qalila fl-Imġarr stess, u ħalla għassies vittma. Wara dal-inċident kien inbiegħ lil kumpanija Griega u minfloku beda jopera l-'Imperial Eagle'.

F'dit-taħdita l-ikbar uġigħ ta' ras tinsab fl-għadd ta' stages li fihom soltu jieqfu tal-linja, u l-imberkin nollijiet, li jrid ikollok il-moħħ ta' Ċikku biex tkun taf eżatt kemm kieku kienu se jiġu jiswewhom: Jekk kont taqbad tal-linja minn ħdejn iċ-ċimiterju ta' Ħal Lija tiffranka sitt ħabbiet, li għal tlieta, jagħmlu sold u nofs; jekk kont tirkeb minn Birkirkara tiffranka sold u nofs, li għal tlieta, jagħmlu erba' soldi u nofs, b'kemm kien jiswa kwart u nofs ħobż; iżda jekk ma kont tirkeb xejn, u fit-triq tikser sieqek, tiġi ambulanza għalik, u ddum xi xahrejn l-isptar għall-kura, il-kont kien jaf jiġik mal-għaxar xelini kuljum – kif fil-fatt kellhom iħallsu t-tlitt aħwa xħaħ. U dan minbarra l-ispejjeż tan-nuċċali mkisser. Għax kif jgħid il-Malti: 'Iz-zalza ġiethom ogħla mill-ħuta'.



Il-cast li ħa sehem waqt is-serata, flimkien ma' Mro. Manoel Pirotta u Paul Catania